# KUNSILL LOKALI L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru erbgħa u sebgħin (74) tal-Kunsill Lokali L-Imqabba (KLI) li nżammet nhar il-Ħamis, 26 ta' Mejju, 2011, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-7:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farruiga | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| | | |
| SKUŻAT: | Paul Spiteri | Kunsillier |

1. Id-**data ta' din is-seduta nbidlet** peress li l-Kunsillier Grace Marie Mallia ma setatx tattendi fuq dik maqbula fis-seduta preċedenti. It-tibdil sar permezz ta' *e-mails* iċċirkulati lill-kunsillieri l-oħra aktar kmieni il-ġimgħa li għaddiet u eventwalment kien hemm qbil bejn il-kunsillieri biex din il-laqgħa tinżamm illum.

2. Is-sindku ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba, filwaqt li nforma lill-kunsillieri illi Paul Spiteri ma setgħax jattendi, għaliex ċempillu u qallu illi se jkollu jidħol xogħol urġenti. Il-**Kunsillier Spiteri kien skużat** mill-kunsillieri l-oħra.

3. Il-**minuti tas-seduta** preċedenti kienu ċirkulati minn qabel permezz ta' *e-mail* u dawn kienu amendati, approvati u ffirmati.

4. L-ispeċifikazzjonijiet u d-**dokument tal-offerta** sabiex il-Kunsill Lokali L-Imqabba jikkuntratta xogħol ta' kostruzzjoni fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, propju fuq iċ-**ċentru tal-viżitaturi**, se jsir mill-Perit Bezzina kif kien approvat fi tmiem din is-seduta fiċ-ċedola tal-pagamenti. Dan hu essenzjali sabiex nibdew il-proġett ta' Miżura 313, fejn ir-regolaturi li huma l-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru tal-Iżvilupp Rurali u Ambjent, qiegħda tagħti l-appoġġ tagħha biex dan iseħħ. Is-sindku qal li din l-ispiża addizzjonali (li fil-verità il-KLI kien ħallas għal parti minnha meta kienu saru l-ewwel stimi) kellna nassorbuha minkejja li l-*BOQs* kienu diġà saru iżda jinħtieġ li jinbidlu d-dettalji u tinħoloq il-kriterja u r-rekwiżiti ta' kif għandhom jimxu l-offerenti.

5. Dwar l-attività organizzata mill-KLI ġewwa **Għawdex**, nhar il-25 ta' Mejju, 2011, is-sindku, il-Kunsillier Grace Marie Mallia u s-segretarju eżekuttiv kellhom kliem ta' tifħir għaliex kollox mar kif kien programmat. Xhieda ta' dan hemm il-mija u sitt persuna li attendew bi ħġarhom din il-mawra.

6. Is-sindku issuġġerixxa lil Tony Spiteri, ħaddiem tal-*IPSL* biex jitla' San Pawl il-Baħar għand il-fornitur Anton Zarb bil-***bollards*** li kienu twaħħlu u nqalgħu għaliex kien hemm min garr li sabhom tqal wisq biex ikun jista' jaqlagħhom ħalli jidħol bil-vettura tiegħu fi Sqaq fi Triq San Mikiel meta jkun hemm il-bżonn. Grace Marie Mallia staqsiet illi jekk jinqala' xi ħaġa f'każ li jkun hemm bżonn ambulanza, hemmx il-possibiltà li dawn jinqalgħu. Is-sindku wieġeb li bi ftit forza wieħed jaqlagħha minn posta waħdu. Dan minkejja li hemm *bollard* oħra li hu ta permess (billi ta l-*password* tal-katnazz) lill-Familja St John u lil wieħed jismu Raymond, li qed jirranġa post biex jidħol jabita fih.

7. Dwar is-suġġeriment li kien sar fis-seduta preċedenti, l-**ittra ta' ringrazzjament** lill-Inġinier Albert Ellul kienet iddraftjatha mis-segretarju eżekuttiv u ntbagħtet kif ukoll dik ta'

ringrazzjament lil Mario Gauci talli silifna l-kurrent elettriku biex setgħet tinħadem il-*gazebo* fi Ġnien il-Ġibjun.

8. Intbagħtet il-*purchase order* għas-servizzi mużikali li l-KLI se jkun qed jieħu fis-serata **Ġieħ l-Imqabba 2011**, kif ukoll dik lis-soċjetajiet mużikali sabiex jagħtu s-servizzi mużikali fl-okkażjoni tal-attività kulturali **'L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien'.** Is-segretarju eżekuttiv kien awtorizzat ukoll jibgħat il-*purchase order* biex tinkera is-sala tal-Iskola Primarja għall-okkażjoni tas-serata. Madankollu s-sindku qal li minħabba li tnaqquslna l-fondi u mal-ispiża sabiex xtrajna n-nar kellna nżidu l-ħlas għall-pulizija sakemm jinġarr in-nar u l-*insurance*, jaħseb li sakemm ma jkollniex *sponsors* għalih ikollna nippostponuh għal din is-sena, in-nar tal-ajru. Infatti is-segretarju eżekuttiv kien mitlub jagħti klarifika marbuta mal-ispiża tan-nar tas-sena li għaddiet. Dan għaliex il-KLM irid inaqqas l-ispejjeż biex inkunu qed nirriflettu l-għotja tal-gvern ċentrali li din is-sena hija ta' €4,000 filwaqt li s-sena l-oħra il-KLM nefaq madwar €6,800. Is-sindku qal li l-assikurazzjoni kif ukoll l-ispejjeż tal-pulizija waqt li jkun qed jinġarr in-nar huma għolja wisq u miegħu qablu unanimament il-kunsillieri preżenti.

9. Is-sindku tkellem fuq il-kompetizzjoni dwar id-diżinn għall-**emblema l-ġdida** li għaliha persuni li joqogħdu fil-lokalitajiet li jaqgħu taħt Ir-**Reġjun tan-Nofs-in-nhar** huma mitluba sabiex jagħtu l-kontribut tagħhom sabiex tiġi magħżula l-aħjar waħda. Hu qal li d-dettalji kienu mgħoddija mill-uffiċċju tagħna lill-kunsillieri kollha permezz ta' *e-mail* u m'hemm l-ebda obbligu jew restrizzjoni sabiex wieħed ikun jista' jikkompeti.

10. Intant is-segretarju eżekuttiv ħareġ l-*purchase orders* biex il-KLI jieħu s-servizzi fil-Festa tal-Madonna tal-Ġilju ta' **ambulanza u *mobile public toilets*.** Is-segretarju eżekuttiv qal li minkejja li diġà kienu ordnati l-fjuri, jidher li xi ħadd mill-każin ċempel lill-iskrivana u infurmaha li dawn jinħtieġ illi jkunu bojod din is-sena. Hekk kif dan ikun ikkonfermat għandu jiġi avżat is-Sur Aldo Ritchie illi se nieħdu s-servizzi tiegħu kif ukoll elenkat fiċ-ċedola tal-pagamenti fi tmiem din is-seduta. Hawn is-segretarju eżekuttiv kien awtorizzat sabiex fl-istess okkażjoni jitpoġġa bukkett **fjuri** fiċ-ċimiterju, għaliex ikun jaħbat **Jum il-Missier**. Intant is-segretarju eżekuttiv kien awtorizzat ukoll sabiex jordna servizzi tat-tindif *extra* fil-ġimgħa tal-festa, nhar il-Ġimgħa bil-lejl, is-Sibt bil-lejl, l-Ħadd u t-Tnejn filgħodu, kif ukoll u wara l-marċ ta' nofs-in-nhar fl-aktar postijiet sensittivi. Is-sindku talab ukoll lis-segretarju eżekuttiv sabiex jibgħat **ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Charles Saliba ta' 'AveMarija' Triq iż-Żurrieq Mqabba** li jipprovdina s-silġ b'xejn kull sena biex inkunu nistgħu inkessħu xarba pprovduta mill-KLI lill-bandisti liema spiża (x-xarba tal-bandisti) kienet ukoll approvata mill-KLI minkejja li għad m'għandniex stima tagħha. Kienet approvata wkoll stima ta' €150 sabiex tkun maħruġa mill-vot tal-ospitalità biex nilqgħu lill-**banda barranija** ġewwa l-Isptar il-Qadim mistiedna għall-Festa tal-Madonna tal-Ġilju ta' din is-sena.

11. Dwar il-permess tal-**kabbani tal-festa** l-KLM approva li jinħarġu dawk il-postijiet li kienu maħruġa s-sena l-oħra peress li dawn għandhom preċedenza fuq il-ġodda. Peress li dawn se jkunu mħeġġa li jħallsu €2 addizzjonali rifondibbi meta jġibulna l-avviż lura. Dan sabiex iwaħħlu l-avviż tal-*Bye-Law* tal-kontenituri tal-ħġieġ, is-sindku qal li Charles Farrugia se jkun mitlub jaħdem fuq dawn l-avviżi bil-*wording* eżatt meħud minn fuq dik tal-*bye-law.* Il-*wording* kien mgħoddi lilu mis-segretarju eżekuttiv waqt din il-laqgħa stess permezz ta' *e-mail.*

12. Is-sindku informa lill-kunsillieri li rċevejna **tweġiba** għall-ittra tad-19 ta' Ottubru, 2009 minn għand ***Transport Malta (TM)***, dak iż-żmien ADT, għal suġġerimenti sabiex ikunu evitati inċidenti fi **Triq tas-Sejba**. Id-Direttorat għall-Immaniġġjar tat-Traffiku qed jissuġġerixxi illi jitwaħħlu 12-il tabella li se jkunu qed jiswew lill-KLI madwar €40-il waħda biex javżaw minn kmieni fejn huma l-punti li fihom hemm bżonn li s-sewwieqa jkunu prudenti fis-sewqan f'din it-triq, fosthom (*caution signs*). Dan minbarra l-**paletti** tal-lastiku li ssemmew fis-seduta preċedenti li se jitwaħħlu fin-nofs minflok mal-***cats' eyes*** eżistenti. Nicholas Briffa qal li peress li din it-triq hija perikoluża, hu jippreferi jnaqqas spejjeż minn xi ħaġa oħra u ma nissagrifikawx

il-ħajjiet tan-nies. Is-segretarju eżekuttiv qal li propju l-ġimgħa l-oħra kien hemm maħbutin tliet vetturi fil-punt fejn din it-triq tagħqad ma' Triq is-Siġġiewi. Is-sindku qal illi jinħtieġ ukoll li jinżebgħu l-marki tat-traffiku b'żebgħa florexxenti biex din it-triq tkun aktar assikurata speċjalment bil-lejl.

13. Dwar it-tkomplija tal-**proġett pilota** tal-KLI biex jingħataw it-**tarmak** it-toroq biċ-*chip and spray*, għada hu ttamat li jingħataw it-tarmak Triq il-Mitħna, Triq it-Troll, Triq il-Pal u Triq ix-Xriek. Għal din l-okkażjoni se jkun hemm Konferenza Stampa mill-Onor Chris Said, is-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru f'nofs in-nhar kif kien komunikat mal-kunsillieri permezz ta' *e-mail* ftit siegħat qabel din is-seduta.

14. Id-deputat sindku ssuġġerixxa li għandha tinkiteb ittra lill-**Kumitat ta' Garanzija (Patrimonju Kulturali)** wara l-laqgħa li s-sindku u s-segretarju eżekuttiv kellhom ma' Sue Depasquale ta' *Heritage Malta*, dwar siti storiċi fir-raħal u l-promozzjoni tagħhom. Il-Deputat sindku sostna li meta kien żarna l-ET Dr Ugo Mifsud Bonnici, iċ-*chairman* ta' dan il-kumitat madwar sena ilu, kien wiegħdna illi l-Katakombi tal-Mentna se jkun mgħoddi f'idejn il-KLI. Dan se jkun imsemmi fl-ittra li se jiddraftja s-segretarju eżekuttiv. Is-sindku qal li l-istess *Heritage Malta* għadhom jittamaw illi jiġi ffirmat kuntratt li kien propost fl-2009 biex ikun hemm trattat bejnietna fuq is-sit tal-katakombi.

15. Kien approvat il-materjal kollu tal-**fuljett ħarġa 8**, fosthom l-artikli tal-kunsillieri wara li sar xi tibdil f'dak ta' Nicholas Briffa għaliex kien semma b'isimhom lil Eleonor Cassar li rebħet l-ewwel post fil-kant fir-Rumanija u awgura lilha u lill-Imqabbi Karl Matthew Camilleri li se jiżżewġu ftit tal-jiem oħra. Dwar ir-**rotot ta' *Arriva*** fl-Imqabba kien ikkonfermat illi dawn se jkunu kif preżentati fuq il-pjanti l-kbar u għalhekk ma hemm l-ebda dubju minn dak li kitbet Grace Marie Mallia fl-artiklu tagħha. Intant Charles Farrugia matul il-laqgħa għadda ritratt tat-***team* tal-futbol tal-Imqabba** biex ikun jakkumpanja l-artiklu tiegħu fl-istess fuljett tal-KLI.

16. Dwar it-talba li saret mill-kumpanija tal-gwardjani lokali, ***Sterling Security***, lill-Kumitat Konġunt taż-Żurrieq, is-sindku qal li fil-laqgħat li kellhom dan l-aħħar, jidher li dawn kellhom diffikultà biex jibqgħu jaħdmu b'dawn il-prezzijiet. Il-KLI ddeċieda illi t-talba ta' *Sterling Security* bi proposta żieda ta' €1 fis-siegħa matul l-ewwel xahar u €2 fis-siegħa għax-xhur ta' wara, huma għolja wisq. Għaldaqstant il-**KLI approva** unanimament żieda ta' **€1 fis-siegħa** għal matul ix-xhur kollha li fadlilha tagħtina servizz. Is-segretarju eżekuttiv se jinforma lid-Deputat Uffiċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler, bid-deċiżjoni tal-KLI hekk kif jirċievi uffiċjalment minn għandu din it-talba li kienet riflessa fil-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt.

17. Minkejja li kienet approvata ċ-**ċedola tal-pagamenti** inqatgħu minn fuqha l-*items* ta' xiri ta' kompjuter għas-segretarju eżekuttiv meħuda minnu stess minn għand *Scan Malta Ltd* u dik tal-*Klikk Computers* kif ukoll dik ta' *Alberta Fire and Security* għaliex fuq suġġeriment li sar se nġibu stima ta' *Lap Top* ieħor permezz ta' *Call for Quotations* u ninvestu f'*server*. Kienet madankollu approvata l-ħidma antiċipata li ssir fi Triq tas-Sejba minn *Denfar Construction* minkejja li fuq iċ-ċedola tal-pagamenti għandna biss ir-rata tat-tindif. Għaldaqstant is-sindku qal li se jkun ċirkulat il-kejl bejn il-kunsillieri fil-jiem li ġejjin ħalli tkun tista' tinħadem din l-istima għal dan it-tindif.

18. Is-sindku qal li issa ntemm għal kollox ix-xogħol ta' **tħaffir fil-Pjazza tal-Knisja** bl-aħħar xogħlijiet isiru l-ġimgħa li għaddiet fejn saret it-trinka tad-drenaġġ tal-*house connection* tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju u l-għoti ta' *tarmac.* Sabiex sar ix-xogħol tat-*tarmac* fil-pjazza, kellna nordnaw is-servizz tal-gwardjan lokali kif muri fl-istess ċedola tal-pagamenti.

19. Dwar it-tkomplija ta' xogħolijiet ta' kisi ta' **toroq bit-*tarmac***, se nitolbu lill-*MEPA* għal-**livelli fi Triq Ħal Kirkop** kantuniera ma' Triq il-Mentna bit-tama illi l-qagħda tal-ilma f'din tal-aħħar, tispiċċa għal kollox b'aġġustamenti li għandhom isiru.

20. Is-sindku informa lill-kunsillieri li ġejna mistiedna noħorġu permess lill-Kumpanija ***Latina Pictures*** biex fl-inħawi ta' Triq it-Torri, viċin ix-xibka tal-Ajruport u jmiss ma' Sqaq Buhar, nhar is-6, 7 u 8 ta' Lulju,2011 , ser jinġibdu xi xeni għal *film* li partijiet minnu se jinħadmu fil-lokalità tagħna. Għal dan l-avveniment hu stmat li jkun hawn madwar 500 ruħ. Is-sindku qal li għandna nistiednu lis-Sur Paul ???, li huwa awtorizzat min din il-kumpanija biex jiġi jżurna fil-muniċipju tagħna filwaqt li noħorġu l-permess għal għaxar metri kwardi ta' art pubblika li hu stmat li se tkun okkupata bl-inġenji u konsegwenza ta' hekk it-triq se tkun magħluqa. Huwa qal li dawn be ħsiebhom jaqalgħu gwardjan lokali biex jassistu dan l-avveniment. Bi tħejjija għal dan l-avveniment se nagħtu priorità l-qtugħ tal-ħaxix ħażin f'dawn l-inħawi fuq postijiet oħra.

21. Il-KLI ddeċieda li jagħmel **manutenzjoni** fi Triq Valletta kif ukoll fi Triq Ħal Kirkop sakemm ikun imiss li dawn it-toroq jingħataw it-*tarmac* kif skedat li jsir.

22. Qed ikun ippjanat li nagħmlu **żjara** oħra fil-gżira Għawdxija. Is-sindku qal li hu jissuġġerixxi li din tkun organizzata nhar l-14 ta' Settembru 2011 u se tkun mibnija fuq il-kunċett ta' Agri Turiżmu. Min jiġi magħna se jkun jista' jiekol hemm ikel tradizzjonali Malti filwaqt li nagħmlu użu mit-trasport ta' din il-kumpanija li ma ssemmietx b'isimha.

23. B'risposta għal *e-mail* li s-sindku talab lil Grace Marie Mallia, tirrispondi dwar *brochures* li jistgħu jitpoġġew fuq il-*front desk* tal-***Malta Tourism Authority***, hija qalet illi l-uniku materjal li jagħmel sens mill-publikazzjonijiet kollha tagħna huwa dak miktub bl-Ingliż, *Four Walks in a Charming Village.* Madankollu hija tara li fih nieqsa mappa filwaqt li s-segretarju eżekuttiv qabel li din għandha ssir kif għandhom isiru t-tabelli fis-siti storiċi li jinfurmaw lill-viżitatur b'informazzjoni konċiża fuq dak is-sit. Dan kollu se jkun suġġerit lill-*MTA*.

24. Grace Marie Mallia talbet il-**lista tal-ilmenti** li ma kientx impoġġija fuq il-mejda tal-kamra ma dawk tal-korrispondenza. Is-segretarju eżekuttiv qalilha li se jindaga u jara x'ġara minn din il-lista u għaliex kienet nieqsa filwaqt li jibgħata permezz ta' *e-mail* fil-jiem li ġejjin.

25. Nicholas Briffa rrapporta **lampa tat-toroq** milquta u mdendla se taqa' għal isfel fi Triq Ħal Farruġ viċin il-barumbara. Is-segretarju eżekuttiv se jgħaddi l-ilment lil *Nexos Street Lighting.*

26. Nicholas Briffa talab ukoll lis-segretarju eżekuttiv sabiex jinforma lid-Dipartiment tas-Saħħa sabiex jagħmel il-**valenu tal-ġrieden** fi Ġnien Mikelanġ Sapiano għaliex hemm min qed jara diversi toqob fil-ħamrija.

27. Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*08/06/2011 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |